- *bona fede*
- *kondotta tal-partijiet wara l-kuntratt*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 12 ta' Diċembru 2022**

**Rikors Nru. 1004/2020 GM**

**Angelo sive Gino Tabone (K.I. numru: 0180656(M)) u**

**martu Elisabeth Tabone (K.I. numru: 552362 (M)) u**

**Saviour sive Sunny Tabone (K.I. numru: 0504959 (M)) u**

**martu Marian Tabone (K.I. numru : 393558 (M))**

**vs**

**Mark Grech (K.I. numru: 23968 (G))**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Angelo sive Gino Tabone u martu Elisabeth Tabone u Saviour sive Sunny Tabone u martu Marian Tabone li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

1. Fl-ambitu ta' negozju illi l-kontentendenti għamlu bejniethom, il-konvenut obbliga ruħu kemm verbalment kif ukoll bil-miktub a favur tal-esponenti illi aċċettaw illi jagħmel diversi xogħlijiet u jissupplixxi u jħallas għall-materjal meħtieġ ġewwa proprjeta' immobbli tal-esponenti illi tinstab f' "Central Gate" fi Triq it-Torri, Msida;

2. Il-konvenut naqas milli jagħmel il-biċċa l-kbira tax-xogħlijiet imsemmija u lanqas issupplixxa u ħallas il-materjal meħtieġ kif kien obbliga ruħu;

3. L-esponenti talbu kemm-il darba lill-konvenut biex jadempixxi l-obbligi assunti minnu fil-konfront tagħhom u għal żmien twil huwa wegħdhom illi ser jagħmel dak kollu illi obbliga ruħu illi jagħmel iżda meta l-esponenti insistew aktar mal-konvenut huwa qal lill-esponenti illi huwa kien ser jagħtihom ħamest elef Euro (€5,000) basta jqattgħu l-iskrittura hawn fuq imsemmija. L-esponenti ma setgħux jaċċettaw din il-pożizzjoni tal-konvenut billi dak illi obbliga ruħu illi jagħmel il-konvenut jiswa' ħafna aktar mill-ammont imsemmi mill-konvenut;

4. Il-konvenut huwa għalhekk inadempjenti fl-obbligi minnu assunti fil-konfront tal-esponenti u huwa aktar milli evidenti illi huwa abbanduna x-xogħlijiet illi kellu jagħmel billi ma għandu l-ebda intenzjoni la li jagħmel ix-xogħlijiet imsemmija u lanqas jissupplixxi u jħallas għall-materjal kif obbliga ruħu.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut huwa inadempjenti fl-obbligi assunti minnu fil-konfront tal-esponenti għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija u kif ser jirriżulta aħjar matul it-trattazzjoni tal-kawża;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut huwa għalhekk responsabbli għad-danni fil-konfront tal-esponenti liema danni jinkludu l-valur tal-ispejjeż inklużi tal-materjal illi l-konvenut kellu jissupplixxi u jħallas hu tax-xogħlijiet illi l-konvenut obbliga ruħu illi jagħmel ġewwa proprjeta' immobbli tal-esponenti illi tinstab f' "Central Gate" fi Triq it-Torri, Msida;

3. Tillikwida d-danni ikkaġunati lill-esponenti u dan jekk ikun meħtieġ bl-opra ta' periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma hekk likwidata in linea ta' danni lill-esponenti.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Mark Grech li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. Fl-ewwel lok l-eċċipjenti mhux il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju ġialadarba huwa ċeda, assenja u ttrasferixxa n-negozju li kien hemm bejnu u bejn l-atturi a favur ta' terzi;

2. Fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-fuljett illi fuqu qed jistrieħu l-atturi ma huwa xejn għajr għal notamenti illi ttieħdu f'xi okkazzjoni meta l-partijiet kienu għadhom għaddejjin bi trattattivi bejniethom, u għalhekk ma jorbotx; aktar u aktar ladarba in segwitu għal dawn it-trattattivi u għal dan il-fuljett ġew iffirmati numru ta' skritturi u atti notarili illi lkoll kienu jiddettaljaw fis-sħiħ in-negozju li kien ġie konkluż, inkluż ix-xogħol kollu li kellu jsir;

3. Fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għall-premess, ma hemm assolutament l-ebda xogħol illi kellu jsir mill-eċċipjenti kif qed jippretendu l-atturi, u ma hemm l-ebda danni x'jiġu likwidati a favur tal-atturi;

4. Fir-raba' lok u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma altrimenti infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirriżulta fit-trattazzjoni ta' din il-kawża;

5. Imbagħad, u b'referenza għal kull paragrafu tar-rikors ġuramentat, l-eċċipjenti jissottometti dan li ġej:-

a. B'referenza għall-ewwel, għat-tieni u għar-raba' paragrafi, għandha ssir distinzjoni bejn: (i) ix-xogħol illi kellu jsir fit-termini tal-konvenju ta' bejn il-partijiet hekk kif emendat; liema negozju ġie ċedut mill-eċċipjenti a favur ta' terzi u liema xogħol - sa fejn huwa infurmat l-istess eċċipjenti effettivament sar mill-istess terzi; u (ii) ix-xogħol/spejjeż illi l-atturi issa qed jippretendu li għandhom isiru, liema xogħol/spejjeż allegatament jirriżulta minn fuljett illi ġie ffirmat mill-eċċipjenti waqt li kienu għaddejjin it-trattattivi bejn il-partijiet - dan ix-xogħol u dawn l-ispejjeż qed jiġu kontestati;

b. B'referenza għat-tielet paragrafu għandu jingħad illi mhux minnu illi l-eċċipjenti aċċetta li jagħmel ix-xogħol jew li jagħmel tajjeb għall-ispejjeż li kienu qed jintalbu mill-atturi; u l-offerta għall-ħlas ta' ħamest elef ewro saret mingħajr preġudizzju u biss sabiex il-vertenzi ta' bejn il-partijiet ikunu jistgħu jiġu sorvolati bonarjament.

Rat l-atti tal-kawża.

Qrat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Il-fatti sostanzjali rilevanti huma dawn:

- L-atturi kellhom biċċa art fabbrikabbli. Xtaqu jsibu xi ħadd biex jiżviluppaha u jżommu partijiet mill-iżvilupp.

- **B'konvenju tas-17 ta' Jannar 2017** wegħdu li jbiegħu nofs indiviż tal-art lill-konvenut. Wara li jiġu ffinalizzati l-pjanti l-partijiet kellhom jiftiehmu min se jżomm xiex mill-iżvilupp. Il-konvenju kien ikopri meta, wara l-ħruġ tal-permessi, kellhom jibdew ix-xogħlijiet, kif għandhom isiru u sa meta kellhom jitlestew. Il-konvenut irriżerva li jċedi d-drittijiet tiegħu lil terzi.

- **B'addendum tal-11 ta' Mejju 2017** ġie ddikjarat li l-pjanti kienu saru u għalhekk ġie stabbilit min se jżomm xiex.

- Inħarġu l-permessi. Skonthom xi appartamenti li kellhom iżommu l-atturi kellha titnaqsilhom biċċa biex tikber il-bitħa minħaba skopijiet ta' ppjanar.

- L-atturi riedu jiġu kkumpensati ta' dan in-nuqqas. L-attur Angelo Tabone kiteb karta *di proprio pugno* mill-ftit li jaf jikteb bix-xogħlijiet extra li l-atturi riedu lill-konvenut jagħmel biex jikkumpensa għat-tnaqqis. Il-karta ġiet iffirmata wkoll mill-konvenut.

- Il-karta ma fihiex data iżda saret ftit qabel ma l-partijiet iffirmaw emenda oħra għall-konvenju fit-**12 ta' Ġunju 2018** li fih ġew sostitwiti l-pjanti biex ikunu konformi mal-permessi approvati.

- Fit-**13 ta' Ġunju 2017** il-konvenut, b'att pubbliku, ċeda d-drittijiet u obbligi tiegħu provenjenti mill-konvenju lil terzi.

Skont il-konvenut:

- M’għandux x’jaqsam iktar għaliex ċeda n-negozju lit-terzi (l-ewwel eċċezzjoni).

- Il-karta tikkonsisti f’sempliċi notamenti ta’ negozjati li kienu għaddejjin (it-tieni eċċezzjoni) li wasslu għall-konklużjoni tal-estensjonijiet tal-konvenju.

- Li kieku l-karta hi ftehim, qiegħed jitlob iktar milli hemm stipulat fiha (din stqarra meta kien qiegħed jixhed, kif ukoll fin-nota ta’ sottomissjonijiet).

Ikkunsidrat:

L-ewwel eċċezzjoni tikkontradixxi t-tieni eċċezzjoni. Jekk ma kienx hemm ftehim tal-appalt, il-konvenut ma kellu xejn xi jċedi. *A contrario sensu,* jekk ċeda l-obbligu tiegħu li jwettaq l-appalt, allura appalt kien hemm. Tabilħaqq il-konvenut huwa konxju minn dan u jgħid li qiegħed jagħmel dawn l-eċċezzjonijiet bla preġudizzju għal xulxin. Huwa minnu li l-konvenut għandu l-liberta` li jagħmel eċċezzjonijiet alternattivi. B’danakollu, hemm limitu għal kemm jista’ jagħmel eċċezzjonijiet ibbażati fuq fatti kontradittorji. Hekk per eżempju ma jistgħux jitressqu flimkien l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u l-eċċezzjoni tat-tpaċija. Iktar u iktar illum il-ġurnata meta l-fatti allegati fir-risposta ġuramentata huma, appuntu, maħlufin. Mhux dejjem ikun biżżejjed li eċċezzjoni titressaq “bla preġudizzju” għall-oħra. Jiswa’ li l-Qorti tiċċita dan il-bran, anke jekk pjuttost twil, minn sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell:

> 12. Illi għalkemm huwa minnu li fi proċeduri bil-miktub f'materja ta' eċċezzjonijiet teżisti l-possibilita` li l-eċċipjent jissolleva eċċezzjonijiet alternattivi, kif ukoll li jagħmel dan "bla preġudizzju", b'danakollu xorta waħda jibqa' dmir tal-parti eċċipjenti li tara li f'dak li hija tkun qiegħda tasserixxi bil-ġurament per via ta' eċċezzjoni ma jkunx hemm ħwejjeġ li huma manifestament konfliġġjenti. Għalkemm ix-xjenza legali tista' twassal biex l-impostazzjoni tal-premessi u t-talbiet fl-att taċ-ċitazzjoni, kif ukoll l-eċċezzjonijiet fin-nota tal-konvenut isiru b'ċerta teknika u ħila, dan ma jfissirx li parti f'kawża għandha titħalla tbiddel impenement att proċedurali f'espedjent ta' mera konvenjenza jew, agħar u agħar, fi stratagemma intiża biss biex tinnewtralizza l-azzjoni istitwita kontriha mill-parti l-oħra. Fi kliem aktar sempliċi, kull parti għandha d-dmir li tkun veritjera u lejali lejn il-Qorti u lejn il-parti avversarja fl-interess suprem tal-ġustizzja. Fil-każ in ezami, jidher evidenti li l-parti konvenuta riedet tkun, kif jingħad bl-Ingliż "*too clever by half*". Fl-istess nifs li l-konvenuti qegħdin jiċħdu bil-ġurament tagħhom żewġ fatti speċifiċi, jigifieri li huma rcevew in depozitu ammont ta' flus, kif ukoll numru ta' oġġetti tad-deheb mingħand l-atturi, qed jgħidu li jekk stess dan kien minnu (!) allura huma kienu "a loro volta" kredituri tal-atturi u li kemm-il darba tali talba da parti tal-atturi kellha tintlaqa', din għandha tiġi paċuta mal-kreditu pretiż minnhom.[1]

Ippreċiżat dan il-punt proċedurali, il-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel evaluwazzjoni tal-provi biex tara jekk dawn iwassluhiex għall-konklużjoni, sal-grad ta' probabilita` u verosimiljanza, li tassew kien hemm appalt kif evidenzjat fil-"karta" miktuba……

Jirriżulta – kemm mill-pjanti esibiti mill-konvenut stess kif ukoll minn ammissjoni tiegħu[2] - li bejn il-pjanti maqbula fl-emenda tal-konvenju tal-11 ta' Mejju 2017 u l-pjanti approvati mill-Awtorita` tal-Ippjanar kien hemm diskrepanzi filli wħud mill-appartamenti li żammew l-atturi kienu sejrin jiċkienu.[3]

L-attur Angelo Tabone qal li ma xtaqx iħassar in-negozju minħabba f'hekk u għalhekk, qabel ġew mibdulin il-pjanti biex jikkonformaw mal-permess edilizju, talab mingħand il-konvenut, bħala forma ta' kumpens, ix-xogħlijiet li niżżel b'idejh stess fuq il-"karta". Huwa minn ewl id-

[1] Gabriel Parnis v Joseph Cucciardi 16.04.2004 Qorti tal-Appell (STO Vincent De Gaetano, Onor. Imħ. Joseph D. Camilleri, Onor Imħ. Joseph A. Filletti).
[2] Fis-seduta tal-15 ta' Ġunju 2022.
[3] Fol 1327.

dinja li l-attur għamel hekk biex ma jmurx minn taħt fin-negozju.

Il-"karta" ma fihiex sempliċi notamenti li saru waqt trattattivi għaliex fiha l-firma tal-konvenut. Li jfisser li fiha hemm ftehim. Huwa minnu li fiha m'hemmx riferenza għall-post fejn kellu jiġi esegwit ix-xogħol, imma l-partijiet negozju wieħed biss kellhom. Veru wkoll li ma fihiex data imma l-partijiet jaqblu dwar meta saret. In-nuqqas ta' formalitajiet, u l-mod minimalista li bih ġiet redatta l-iskrittura minn bniedem ta' ftit skola, ma jneħħi xejn mill-validita` tal-ftehim, li huwa wieħed t'appalt, u li ma jirrikjedi l-ebda forma sagramentali, tant li jista' saħansitra jsir bil-fomm.

Lanqas jirriżulta li l-emenda għall-konvenju li saret wara l-iskrittura b'xi mod immodifikat jew qatlet espressament id-drittijiet u obbligi naxxenti mill-"karta" ta' bejn il-partijiet. Lanqas jirriżulta - u hawn il-piż tal-prova jmil fuq il-konvenut – li l-emenda tikkontradixxi impliċitament lill-"karta" b'mod li timmodifikaha jew iġġibha fix-xejn. Mistoqsi, il-konvenut innifsu stqarr li ma kien hemm l-ebda ftehim li ħassar il-"karta".

L-Artikoli 1002 sa 1011 tal-Kodiċi Ċivili huma normi li jirregolaw l-interpretazzjoni tal-kuntratti. Huma regoli-gwida; mhux perentorji. Barra minn hekk ma jeskludux regoli oħra ta' interpretazzjoni tal-kuntratti. Basta dejjem dawn jgħinu biex jiġi stabbilit l-akkordju milħuq skont l-intenzjoni tal-partijet. Fil-Codice Civile Taljan viġenti nsibu li *"Per determinare la comune intenzione delle parti, si deve valutare il loro comportamento complessivo* ***anche posteriore alla conclusione del contratto****"*[4] (Art. 1362 t-tieni paragrafu). Il-Bianca jżid li l-imġieba ta' wara l-konklużjoni tal-kuntratt "***puo` consistere*** *in ulteriori*

[4] L-enfasi miżjuda minn din il-Qorti.

*dichiarazioni delle parti e, soprattutto, **nell'attivita` esecutiva.*** [5] *Cooperando e accettando le reciproche prestazioni i contraenti chiariscono dei fatti l'intendimento del loro accordo*".[6]

Bl-imġieba tiegħu wara l-"karta" l-konvenut wera li kien aċċetta li jwettaqha:

- Wiegħed, verbalment, diversi drabi lill-atturi li kien sejjer jagħmel ix-xogħlijiet u biex iserrħu rashom.
- Wettaq tnejn mil-lista tax-xogħlijiet – l-ispare bedroom ta' penthouse partikolari u l-garaxx ta' taħt ir-rampa.
- Kien jgħid lill-atturi li xogħolhom idaħħlu l-għamara fl-appartamenti u jdaħħlu kemxa flus.
- Mar jitlob stimi tax-xogħlijiet li kellu jagħmel.
- Offrielhom €5,000 biex titqatta' l-"karta" u għalhekk kien jagħraf in-natura kuntrattwali tagħha.
- Qatt ma qalilhom li dak li kien qiegħed jagħmel kien bla preġudizzju.
- Ikkontesta stima li ġiebu l-atturi bħala għolja. Min m'għandux x'jagħti ma jagħmilx oġġezzjoni bħal din.
- Meta Mark Agius (ċessjonarju) ċempillu quddiem l-atturi, wieġeb mill-ewwel li kien sejjer jagħmlilhom ix-xogħlijiet miftiehma fuq il-karta.
- Iċ-ċessjonarji tal-konvenju xehdu li ma kien hemm l-ebda riferenza għall-appalt fil-kuntratt taċ-ċessjoni. Li jfisser li l-konvenut m'assenjax l-obbligi tiegħu li jwettaq l-appalt.

Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti skont il-bona fidi (Art. 993 tal-Kodiċi

[5] L-enfasi miżjuda minn din il-Qorti.
[6] C Massimo Bianca, Diritto Civile, 2a ediz. (sena 2000) Vol 3 Il Contratto Kapitlu 7, L-Interpretazione, para 215, paġna 429.

Ċivili). Il-bona fidi hija preċett fundamentali ta' lealta` u kjarezza bħala presuppost li fuqu għandu jiġi nterpretat il-kuntratt. B'riferenza għall-interpretazzjoni tal-kuntratt, il-bona fidi tfisser li wieħed għandu jħares dak li l-partijiet raġonevolment jistennew li jfisser l-akkordju. B'dan il-kriterju l-kuntratt irid jiġi nterpretat skont dak li l-partijiet kellhom u messhom raġonevolment jistennew minnu. F'termini negattivi, il-bona fede ma tridx li jingħataw interpretazzjonijiet kavillużi li jikkuntrastaw mal-*causa* tal-kuntratt jew l-"ispirtu" tal-akkordju.

Fil-każ preżenti l-bona fede tesiġi li l-ftehim tal-appalt jitqies bħala dak il-piż li jġib ekwilibriju fil-prestazzjonijiet tal-partijiet f'kuntratt sinallagmatiku fejn parti pprovdiet l-art u l-parti l-oħra x-xogħol iżda ġara li l-atturi kellhom igawdu inqas mill-iżvilupp li kellu jsir fuq l-art fil-konvenju minħabba l-mod kif ħarġu l-permessi tal-bini.

Għalhekk jirriżulta li tassew kien hemm appalt, kif evidenzjat mill-"karta" redatta minn wieħed mill-atturi u ffirmata mill-konvenut. Min-naħa l-oħra, ma jirriżultax li l-konvenut ċeda l-obbligi tiegħu fuq l-appalt liċ-ċessjonarji tal-konvenju.

Il-"karta" bil-ftehim tal-appalt kienet tikkonsisti f'din il-lista:

"Is-saqaf il-biċċa ta' wara fejn hemm il-garages ta' taħt it-triq.

"Il-gallarijiet tal-ħadid kollha gavanizati tal-bitħa tan-nofs.

"Pajp tar-ramm aircondition minn unit ta' ġewwa sal-kumpressur.

"Il-garage ta' taħt ir-rampa.

"Spare bedroom tal-penthouse".

Hemm qbil li l-aħħar żewġ partiti ġew imwettqa mill-konvenut. Għalhekk, kien jonqos jagħmel l-ewwel tliet partiti.

Dwar l-ewwel partita, l-atturi pproduċew stima ta' €54,637.80 mill-perit responsabbli mill-proġett. Il-konvenut oġġezzjona għal din l-istima billi l-ftehim ikopri it-tisqif tal-garaxxijiet imma mhux ukoll li ssir tisqifa taħt it-Triq Reġjonali. Il-Perit spjega li s-saqaf taħt it-triq kien meħtieġ biex ma jidħolx ilma fil-garaxxijiet u li din kienet l-iktar sistema ta' min joqgħod fuqha f'dan ir-rigward. Għand il-Perit l-attur nefqu €227, €1,018, €1,639.14, €283.20, €902.13, €920, €235 u €929. L-applikazzjoni ma ġietx approvata u huwa previst li jonfqu €1,266.16 iktar biex jiksbu l-permessi edilizji meħtieġa.[7] Il-konvenut jallega li saru applikazzjonijiet tal-MEPA "ħżiena" tant li kellhom jergħu isiru mill-ġdid. B'danakollu meta wieħed jagħmel applikazzjoni m'għandu l-ebda garanzija li sejra tiġi aċċettata u l-fatt li tiġi rifjutata ma jfissirx li saret ħażin b'xi tort tal-perit applikant.

Il-galleriji fit-tieni partita ġew stmati €18,113.[8] Il-konvenut jsemmu ukoll ħafna xogħol ieħor ta' tibdil ta' bibien u twieqi, kisi u tibjid relatat mal-galleriji. Dan iżda mhuwiex imniżżel fil-ftehim u lanqas jista' jitqies bħala ancillari għall-galleriji tal-ħadid.

Il-pajpijiet imsemmijin fit-tielet partita ġew stmati €14,014.86. L-atturi jippreżentaw ukoll stima ta' €32,557.72 għall-gypsum biex jgħatti dawn il-pajpijiet. Billi huwa xogħol li bilfors għandu jsir biex jitgħattew dawn il-pajpijiet, huwa aċċessorju għall-obbligazzjoni prinċipali u għalhekk il-Qorti sejra tammettih bħala xogħol li wkoll kellu jsir.

---

[7] Ara kalkolu ta' Celine Schranz a fol 1045.
[8] Fol 813.

It-total tal-istejjem huwa ta' €126,743.01[9]. Huwa notorju li l-prezzijiet tal-materja tal-bini għolew sostanzjalment f'dawn l-aħħar xhur. Għalhekk anke jekk b'mod konservattiv din il-Qorti sejra żżid 5% fuq l-istejjem u ċjoe` €6,337.15[10]. Għalhekk it-total tal-ispejjeż huwa €133,080.16[11].

L-atturi stiednu din il-Qorti takkorda kumpens għal xogħlijiet oħra li kienu meħtieġa biex l-appartamenti jiġu kompluti minn kollox, billi l-konvenut hekk kien iwiegħed lill-atturi. Huwa minnu wkoll li din l-asserzjoni tal-atturi bil-ġurament tagħhom ma ġietx miċħuda mill-konvenut. B'danakollu, ġaladarba hemm il-ftehim miktub (fuq il-"karta") allura l-Qorti mhix sejra tmur *contra scriptum* għaliex jibqa' preżumibbli li dak li akkordaw fuqu l-partijiet, għamluh bil-miktub.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-każ billi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut safejn mhux kompatibbli ma' din is-sentenza.

2. Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara illi l-konvenut huwa in parti inadempjenti fl-obbligi assunti minnu fil-konfront tal-esponenti fl-appalt miftihem bejnu u l-atturi konsistenti f'xogħlijiet li obbliga ruħu illi jagħmel ġewwa proprjeta' immobbli tal-atturi illi tinstab f'*Central Gate* fi Triq it-Torri, Msida.

---

9 Korrett minn €80,170.43 għal €126,743.01 skont digriet tas-7 ta' Marzu 2023
10 Korrett minn €4,008.52 għal €6,337.15 skont digriet tas-7 ta' Marzu 2023
11 Korrett minn €84,178.95 għal €133,080.16 skont digriet tas-7 ta' Marzu 2023

3. Tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara illi l-konvenut huwa għalhekk responsabbli għad-danni fil-konfront tal-atturi.

4. Tilqa' t-tielet talba billi tillikwida d-danni ikkaġunati lill-atturi fis-somma ta' €133,080.16[12].

5. Tilqa' r-raba' talba billi tikkundanna lill-konvenut jħallas is-somma hekk likwidata bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1424/2020 u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju bin-numru 1482/2020 kontra l-konvenut.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA

[12] Korrett minn €84,178.95 għal €133,080.16 skont digriet tas-7 ta' Marzu 2023